



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.9.2014
COM(2014) 575 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT
EWROPEW**

Żona Ewropea ta' Riċerka

Rapport ta' Progress 2014
{SWD(2014) 280 final}

1. INTRODUZZJONI

Iż-Żona Ewropea tar-Riċerka: mutur ewlieni tal-ġenerazzjoni tal-għarfien

L-oġġettiv taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) ġie approvat mill-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2000, u huwa stabbilit fit-Trattat ta' Lisbona tal-2007. L-għan tagħha huwa li tinkiseb "żona tar-riċerka unifikata miftuħa għad-dinja, ibbażata fuq is-Suq Intern, li fiha r-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija jiċċirkolaw liberament u li permezz tagħha l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jsaħħu s-sisien xjentifiċi u teknoloġiċi tagħhom, il-kompetittività tagħhom u l-kapaċità tagħhom li jindirizzaw kollettivament l-isfidi l-kbar"¹.

Fl-2011, il-Kunsill Ewropew appella lil dawk involuti fil-livell tal-UE, fil-livell tal-Istati Membri u tal-partijiet ikkonċernati biex jindirizzaw in-nuqqasijiet li fadal u biex iż-ŻER titlesta sal-2014 biex jinħoloq suq uniku ġenwin għall-għarfien, ir-riċerka u l-innovazzjoni.

Il-Komunikazzjoni tal-2012 dwar "Sħubija ta' Żona ta' Ewropea ta' Riċerka msaħħa għall-Eċċellenza u t-Tkabbir" (minn hawn 'l quddiem il-Komunikazzjoni ŻER)² identifikat ħames prijoritajiet għal azzjoni: sistemi ta' riċerka nazzjonali aktar effettivi, kooperazzjoni u kompetizzjoni transnazzjonali ottimali, suq tax-xogħol miftuħ għar-riċerkaturi, ugwaljanza bejn is-sessi u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fir-riċerka, u ċirkolazzjoni ottimali, aċċess u trasferiment tal-għarfien xjentifiku inkluż permess taż-ŻER diġitali. Biex din is-sħubija tkun ikkomplementata, fl-2012 il-Kummissjoni adottat ukoll żewġ Komunikazzjonijiet oħra bl-isem ta' "Lejn aċċess aħjar għall-informazzjoni xjentifika: Tisħiħ tal-benefiċċji tal-investimenti pubbliċi fir-riċerka"³ u "Titjib u ffukar tal-kooperazzjoni internazzjonali tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni: approċċ strateġiku"⁴.

Il-prinċipji taż-ŻER huma integrati bis-sħiħ fl-inizjattiva ewlenija tal-Unjoni tal-Innovazzjoni tal-Ewropa 2020 biex irawmu t-Tkabbir u l-Impjieġ.

Abbażi tar-Rapport ta' Progress taż-ŻER 2013, dan ir-rapport jagħti fil-qosor il-progress li sar biex jitlestha ż-ŻER u d-dokument ta' ħidma tal-persunal meħmuż miegħu Facts and Figures (Fatti u Ċifri) (minn hawn 'il quddiem "Fatti u Ċifri") jipprovdi analiżi aktar dettaljata.

Minħabba d-dimensjoni tas-suq intern taż-ŻER u l-impatt tagħha fuq l-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni, dan ir-rapport iwieġeb ukoll għall-Aġenda Strateġika għall-Unjoni fi żminijiet ta' Bidla, miftehma mill-Istati Membri fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2014, b'mod partikolari l-prijorità tagħha "Unjoni ta' impjiegi, tkabbir u kompetittività".

2. SEJBIET EWLENIN MIT-TIENI RAPPORT TA' PROGRESS TAŻ-ŻER

Ir-Rapport ta' Progress 2014 jipprovdi stampa ġenerali tal-progress li sar fil-prijoritajiet taż-ŻER fl-Istati Membri kollha u xi Pajjiżi Assoċjati⁵. Ir-Rapport ta' Progress 2013 ippreżenta

¹ COM(2012) 392 finali.

² idem

³ COM(2012) 401 finali

⁴ COM(2012) 497.

⁵ Jiġifieri, l-Isvizzera, in-Norveġja, l-Islanda, is-Serbja, il-Montenegro u t-Turkija

ħarsa ġenerali tal-kuntest politiku, il-passi meħuda u l-ewwel kisbiet. Ir-Rapport ta' Progress 2014 jippreżenta l-miżuri ġodda u aġġornati adottati fil-livell nazzjonali, u għall-ewwel darba jippreżentahom u jqabbilhom mal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet taż-ŻER fil-livell nazzjonali minn organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw u jwettqu r-riċerka.

2.1. Sistemi nazzjonali ta' riċerka iktar effettivi

Titjib fil-kwalità tal-iżvilupp tal-istrateġija tar-riċerka u l-innovazzjoni u l-proċess tat-tfassil tal-politika huwa wieħed mit-tliet assi ta' riforma identifikati mill-Kummissjoni Ewropea fil-Komunikazzjoni dwar ir-"Riċerka u l-innovazzjoni bħala sorsi ta' tkabbir imġedded"⁶ biex ittejjeb il-kwalità tal-infiq pubbliku fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni. Il-Fatti u ċ-Ċifri juru li sistemi ta' riċerka nazzjonali saru aktar allinjati mal-prijoritajiet taż-ŻER. Prattikament l-Istati Membri kollha adottaw strateġija nazzjonali dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni.

Għad hemm differenzi kbar bejn l-Istati Membri fil-mod kif qed jiġi allokat il-finanzjament għar-riċerka. Filwaqt li l-finanzjament ibbażat fuq proġetti kompetittivi iseħħ fl-Istati Membri kollha, il-livell ta' dan ivarja b'mod sinifikanti bejn il-pajjiżi.⁷ L-evalwazzjoni bejn il-pari hija pprattikata fl-Istati Membri kollha. Madankollu, hemm nuqqas ta' standards miftiehma dwar il-prinċipji bażiċi ta' evalwazzjoni bejn il-pari internazzjonali.

Li tgħaqqad l-evalwazzjoni istituzzjonali tar-rendiment mal-finanzjament istituzzjonali hija wkoll għodda qawwija għall-promozzjoni tal-kompetizzjoni fir-riċerka u ż-żieda tal-effikaċja tal-infiq nazzjonali. Fil-fatt, filwaqt li 12-il Stat Membru jirrappurtaw li għandhom politiki stabbiliti li jallokaw finanzjament istituzzjonali abbażi tar-rendiment, fil-prattika dan jidher li huwa implimentat b'mod aktar wiesa', speċifikament mill-aġenziji ta' finanzjament f'16-il Stat Membru⁸.

2.2. Kooperazzjoni u kompetizzjoni transnazzjonali ottimali

Flimkien nindirizzaw l-isfidi l-kbar

Il-kooperazzjoni transnazzjonali fil-livell tal-programm bejn l-Istati Membri qed tiżdied u tiffurma parti mill-istrateġiji nazzjonali ta' 16-il Stat Membru. L-Inizjattivi ta' Programmazzjoni Konġunta (JPIs) qegħdin dejjem aktar jgħinu biex programmi u attivitajiet nazzjonali jiġu allinjati f'aġendi komuni fil-livell tal-UE biex jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà. Bosta Stati Membri bdew jiżviluppaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali, pjanijiet direzzjonali u strateġiji fil-qasam tal-JPIs li jipparteċipaw fihom, bil-għan li jissaħħaħ l-impenn tagħhom lejn l-Aġendi Strateġiċi ta' Riċerka tal-JPIs.

L-attenzjoni strateġika għall-kooperazzjoni internazzjonali qed tiżdied ukoll fir-rigward tal-aġenda politika. Disa' Stati Membri għamlu dispożizzjoni speċifika biex titrawwem il-kooperazzjoni internazzjonali xjentifika.

⁶ COM(2014) 339 finali

⁷ Rapport Fatti u Ċifri, is-Sezzjoni "Kompetizzjoni għall-finanzjament pubbliku"

⁸ Barra minn hekk, madwar 70 % tal-istituzzjonijiet rappreżentati fl-Istħarriġ ŻER 2014 jappartjenu għal organizzazzjonijiet li l-finanzjament tagħhom huwa suġġett għal evalwazzjoni istituzzjonali

Infrastrutturi tar-Riċerka

Għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-infrastrutturi tar-riċerka, 22 Stat Membru adottaw Pjanijiet Direzzjonali Nazzjonali ta' Infrastruttura tar-Riċerka. Ħamsa minnhom ġew aġġornati mill-2013 lil hawn. Madankollu, il-pjanijiet direzzjonali nazzjonali ma jindikawx b'mod konsistenti r-rabtiet mal-Pjan Direzzjonali tal-Forum Strateġiku Ewropew dwar l-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI) u l-impenji finanzjarji għall-iżvilupp tal-Infrastrutturi tar-Riċerka identifikati mill-ESFRI u Infrastrutturi tar-Riċerka oħrajn ta' klassi mondjali.

It-tlestija u t-tnedija tal-kostruzzjoni ta' mill-inqas 60% tal-Proġetti tal-Pjan Direzzjonali tal-ESFRI sal-2015 mhumex il-bogħod⁹. L-aħħar prijoritizzazzjoni tal-Proġetti tal-Pjan Direzzjonali tal-ESFRI ġiet approvata mill-Kunsill dwar il-Kompetittività f'Mejju 2014 u se tippermetti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jagħtu appoġġ addizzjonali biex tintlaħaq din il-mira.

Id-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar il-Konsorzju Ewropew għall-Infrastruttura tar-Riċerka (ERIC) fl-2009 ppermetta l-istabbiliment u l-operat konġunti ta' seba' infrastrutturi tar-riċerka ta' interess Ewropew. Il-prospett li jintlaħqu madwar 15-il ERICs sal- 2015 jindika li qed jiżdied il-momentum.

2.3. Suq tax-Xogħol Miftuħ għar-Riċerkaturi

Filwaqt li l-għadd ta' kandidati għad-dottorat fl-UE qed ikompli jikber, l-evidenza tissuġġerixxi li mhumex mgħammra bil-ħiliet adatti biex jaħdmu barra mill-akkademja.¹⁰ L-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-2011 għal taħriġ innovattiv fil-livell ta' dottorat mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tgħin lir-riċerkaturi jiksbi ħiliet ġodda u jsaħħu l-probabbiltajiet tagħhom ta' impjieg, b'mod partikolari barra l-akkademja. B'45% tar-riċerkaturi fl-UE fis-settur privat, 10% biss tal-kandidati għad-dottorat jirrapportaw li jirċievu taħriġ fid-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u l-intraprenditorija.¹¹ Xi Stati Membri għamlu użu tal-fondi strutturali disponibbli għall-kofinanzjament tal-istrutturi ta' edukazzjoni dottorali ġodda. Barra minn hekk, ir-reklutaġġ miftuħ jippermetti lill-istituzzjonijiet tar-riċerka jimpjegaw l-aħjar riċerkaturi f'kull stadju tal-karriera u jrawwem il-mobilità ġeografika effettiva. L-impatt tar-riċerka tar-riċerkaturi mobbli huwa madwar 20% ogħla minn dak ta' dawk li qatt ma telqu mill-pajjiż¹².


⁹ Skont l-impenn 5 tal-Inizjattiva Ewlenija Unjoni tal-Innovazzjoni

¹⁰ MORE II study http://ec.europa.eu/euraxess/pdf/research_policies/more2/Final%20report.pdf

¹¹ MORE II study. Qed ikun dejjem aktar aċċettat li illum il-ġurnata l-kandidati għad-dottorat mhux biss jiġu mħarrġa għal karriera akkademika iżda kulma jmur se jibnu karriera barra l-akkademja. Dan jeħtieġ il-kapaċità li jadattaw għal ambjent ieħor, l-iżvilupp ta' ħiliet ġodda kif ukoll l-għoti ta' taħriġ adatt.

¹² Fatti u Ċifri, it-taqsima 'Open, transparent and merit based recruitment of researchers' (Reklutaġġ miftuħ, trasparenti u bbażat fuq il-mertu tar-riċerkaturi)

L-evidenza turi li n-nuqqas ta' restrizzjoni u l-innovazzjoni jmorru id f'id, jiġifieri pajjiżi b'sistemi ta' riċerka miftuħa u attraenti¹³ għandhom rendiment b'saħħtu fejn tidħol l-innovazzjoni.



Sors: Kalkoli tad-DĠ Riċerka u Innovazzjoni bbażati fuq it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Unjoni tal-Innovazzjoni 2014


L-Istati Membri¹⁴ qablu li jwaqqfu grupp ta' ħidma f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati sabiex jiżviluppa linjigwida għall-professjonisti dwar reklutaġġ miftuħ, trasparenti u bbażat fuq il-mertu msejjes fuq prassi tajba. Id-dejta turi li xi ftit Stati Membri, bħall-Awstrija, l-Italja u l-Polonja, introduċew leġislazzjoni nazzjonali li tistipula li kull post tax-xogħol battal f'istituzzjoni ta' riċerka pubblika jrid jiġi ppubblikat fuq websajt tal-impjiegi fir-riċerka internazzjonali, eż. EURAXESS Jobs¹⁵. Aktar minn 40,000 impjieg ta' riċerka f'iktar minn 7,500 istituzzjoni ġew ippubblikati fuq EURAXESS Jobs fl-2013, bil-kollaborazzjonijiet bejn il-portali tal-impjiegi onlajn prinċipali tar-riċerka. Madankollu, għad hemm disparitajiet kbar fil-prassi ta' reklutaġġ miftuħ madwar l-Istati Membri. Ara t-tabella hawn taħt.

¹³ Abbażi tat-tliet indikaturi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Unjoni tal-Innovazzjoni li ġejjin: kopubblikazzjonijiet xjentifiċi internazzjonali, publikazzjonijiet xjentifiċi fost l-aqwa 10% l-iktar kkwotati, studenti tad-dottorat mhux mill-UE.

¹⁴ Waqt seminar ta' taqlim reċiproku tal-Komitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-Innovazzjoni (KŻER) organizzat fl-2014.

¹⁵ jobs.euraxess.org

Il-proporzjon ta' rċerċaturi bbażati fl-universitajiet sodisfatti b'kemm postijiet tax-xogħol battala fil-qasam tar-riċerka huma reklamati pubblikament u magħrufa mill-istituzzjoni tagħhom, Europe, 2012 (%)



Sors: MORE2 Study

2.4. L-ugwaljanza bejn is-sessi u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fir-riċerka

Il-kwistjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fir-riċerka u l-innovazzjoni kisbu iżjed rikonoxximent fl-aġendi politiċi fil-livelli nazzjonali, Ewropej u internazzjonali, kif ukoll fi ħdan organizzazzjonijiet ta' riċerka. L-inizjattivi 'min-naħa tal-provvista', li għandhom fil-mira nisa xjenzjati individwali, qed jiġu kkomplementati b'mod progressiv minn politiċi "min-naħa tad-domanda" li għandhom fil-mira l-bidla istituzzjonali fl-organizzazzjonijiet tar-riċerka b'effetti strutturali fit-tul. Liġijiet speċifiċi u/jew strateġiji nazzjonali dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fir-riċerka pubblika ġew adottati f'aktar minn nofs l-Istati Membri. Il-Fatti u ċ-Ċifri juri korrelazzjonijiet sinifikanti bejn il-miżuri meħuda fuq il-livell tal-

organizzazzjonijiet li jwettqu riċerka, inklużi pjani jiet ta' ugwajianza bejn is-sessi, u l-eżistenza ta' liġijiet nazzjonali, strateġiji u/jew inċentivi biex titrawwem bidla istituzzjonali¹⁶.

Madankollu, il-pass tal-bidla huwa bil-mod wisq u għad hemm ħafna differenzi fost il-pajjiżi. Il-persistenza tal-preġudizzju bejn is-sessi fil-karrieri, tal-iżbilanċ bejn is-sessi fir-rwoli tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u n-nuqqas ta' dimensjoni tal-ġeneru fil-programmi ta' riċerka jibqgħu sfidi komuni. Hemm hteġa għal aktar sforzi konġunti u strateġija sistemika li jimmiraw lejn bidla istituzzjonali fit-tul fis-sistema Ewropea tar-riċerka.

2.5. L-aqwa ċirkolazzjoni, aċċess u trasferiment ta' għarfien xjentifiku, inkluż permezz taż-ŻER diġitali.

Aċċess miftuħ għall-pubblikazzjonijiet u d-dejta

L-aċċess mingħajr restrizzjonijiet għall-pubblikazzjonijiet u dejta tar-riżultati tar-riċerka huwa appoġġat minn għadd li dejjem qed jikber ta' universitajiet, ċentri ta' riċerka u aġenziji ta' finanzjament madwar l-Ewropa. L-organizzazzjonijiet li huma partijiet ikkonċernati ilhom u għadhom attivi ħafna permezz tal-Pjattaforma tal-Partijiet Ikkonċernati taż-ŻER stabbilita b'reazzjoni għall-Komunikazzjoni tal-2012. S'issa 20 Stat Membru hađu miżuri speċifiċi biex jappoġġaw l-aċċess miftuħ għall-pubblikazzjonijiet tar-riċerka iżda ħamsa biss għandhom dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-aċċess miftuħ għad-dejta tar-riċerka. Ingħatat attenzjoni partikolari mill-Istati Membri, fil-qafas tal-KŻER, għall-użu mill-ġdid tad-dejta ta' riċerka, fejn għadd ta' ostakli reali u mhux għadhom jeżistu, inklużi dawk ta' natura legali, teknika, finanzjarja, marbuta mal-fiduċja u ta' natura soċjokulturali.

Madankollu, il-politiki nazzjonali, l-inizjattivi u l-prattikijiet għadhom frammentati u xi wħud minnhom ma jirriflettux b'mod xieraq id-definizzjoni tal-UE ta' Aċċess Miftuħ¹⁷.

Trasferiment tal-għarfien u innovazzjoni miftuħa

L-Istati Membri qed ikomplu jiżviluppaw u jagħmlu operattivi l-istrateġiji nazzjonali ta' trasferiment tal-għarfien. Dan isir l-aktar permezz ta': rikonoxximent imtejjeb u professjonalizzazzjoni tat-trasferiment tal-attivitajiet ta' għarfien, rwol imsaħħaħ għall-uffiċċji ta' trasferiment tal-għarfien, u permezz ta' miżuri li jiffaċilitaw l-interazzjoni u l-iżvilupp ta' aġendi ta' sħubija strateġika u riċerka konġunta bejn l-akkademja u l-industrija, inklużi l-SMEs. Dan jippermetti adozzjoni aħjar tar-riżultati tar-riċerka fis-suq. Għalkemm hemm mekkaniżmi ta' appoġġ ta' politika b'saħħithom għat-trasferiment tal-għarfien fil-biċċa kbira tal-Istati Membri, dan mhux rifless b'appoġġ finanzjarju f'nofs l-Istati Membri.

ŻER diġitali

¹⁶ Rapport Fatti u Ċifri, Taqsima 'Gender equality and gender content in research' ("Ugwajianza bejn il-ġeneri u kontenut ta' ġeneri fir-riċerka")

¹⁷ L-aċċess miftuħ jista' jiġi definit bħala l-prassi li tipprovi aċċess onlajn għall-informazzjoni xjentifika li tkun mingħajr ħlas lill-qarrej. Fil-kuntest tar-Riċerka u l-Iżvilupp, l-aċċess miftuħ tipikament jiffoka fuq aċċess għal "informazzjoni xjentifika", li tirreferi għal żewġ kategoriji prinċipali: Artikoli ta' riċerka xjentifika reviżjonati mill-pari (ippublikati f'ġurnali akkademiċi); Dejta ta' riċerka xjentifika (dejta sottostanti ta' publikazzjonijiet u/jew dejta mhux ipproċessata).

L-infrastrutturi li jiggarrantixxu l-aċċess għall-għarfien u l-użu tiegħu minn kulħadd għall-Aċċess Miftuħ għar-riżultati tar-riċerka ffinanzjati mill-fondi pubbliċi mhumie x żviluppatti b'mod adegwat madwar l-Ewropa. Fl-interessi tal-effiċjenza tar-riżorsi, l-Istati Membri għandhom iħaffu l-isforzi tagħhom biex jingħaqdu u jimplimentaw strateġiji konġunti abbażi tal-ħidma eżistenti sabiex jagħmlu l-aħjar investimenti attwali f'infrastrutturi ta' dejta istituzzjonali, nazzjonali u msejsa fuq id-dixxiplina.¹⁸ Dan jista' jinkludi wkoll sforzi għat-tħeġġiġ ta' għażliet ta' pubblikazzjoni ta' Aċċess Miftuħ mhux kummerċjali.

2.6. Kwistjonijiet trasversali: simplifikazzjoni ta' dimensjoni internazzjonali fil-prijoritajiet kollha taż-ŻER.

Huwa importanti li fl-iżvilupp ulterjuri taż-ŻER tiġi integrata dimensjoni internazzjonali mal-prijoritajiet kollha tagħha. B'dan il-mod l-Ewropa se tikkonferma postha bħala mutur fundamentali globali tar-riċerka, tattira u żżomm l-aqwa riċerkaturi, iżżomm il-kompetittività tagħha u tiffaċilita l-kooperazzjoni mal-imsieħba globali tar-riċerka fil-ġejjieni.

2.7. Konformità taż-ŻER

M'hemmx triq waħda biex tinkiseb iż-ŻER. Il-pass u l-livell ta' implimentazzjoni taż-ŻER jiddependu ħafna fuq il-kuntest nazzjonali u jitravmu permezz ta' politiki mmirati fil-livell tal-Istati Membri.

L-implimentazzjoni taż-ŻER tvarja bejn l-organizzazzjonijiet li jwettqu riċerka. Il-Fatti u l-Figuri juru dejta għal organizzazzjonijiet li huma miġbura flimkien skont l-"konformità" tagħhom mal-azzjonijiet ŻER¹⁹ proposti fil-Komunikazzjoni tal-2012. Ġew identifikati żewġ gruppi ewlenin: l-organizzazzjonijiet "konformi mal-azzjonijiet ŻER", li diġà implimentaw il-biċċa l-kbira tal-azzjonijiet ŻER, u l-organizzazzjonijiet "konformi b'mod limitat mal-azzjonijiet ŻER", li ma implimentawx l-azzjonijiet ŻER jew jimplimentawhom b'mod limitat biss. L-analiżi turi li l-istituzzjonijiet konformi maż-ŻER jippredominaw f'ħafna mill-Istati Membri, bl-eċċezzjoni ta' seba' pajjiżi (fejn il-proporzjonijiet huma simili jew fejn organizzazzjonijiet konformi maż-ŻER b'mod limitat jippredominaw). L-organizzazzjonijiet iż-żgħar²⁰ jidhru li huma inqas konformi maż-ŻER mill-organizzazzjonijiet il-kbar²¹.

Barra minn hekk, il-livell ta' implimentazzjoni tal-azzjonijiet differenti taż-ŻER ivarja bejn iż-żewġ gruppi. Pereżempju, il-grafika ta' hawn taħt turi li fi ħdan il-grupp tal-organizzazzjonijiet konformi maż-ŻER, madwar 90% minnhom ta' spiss jinkludu rekwiżiti minimi meta dawn jippubblikaw il-postijiet tax-xogħol battala tagħhom, filwaqt li dan isir minn inqas minn 50 % tal-organizzazzjonijiet b'konformità limitata maż-ŻER. L-analiżi ppreżentata f'Ċifri u Fatti turi wkoll li anki l-organizzazzjonijiet konformi maż-ŻER għandhom jagħmlu aktar sforz. Pereżempju, 50% biss tal-organizzazzjonijiet konformi maż-ŻER ta' spiss jirreklamaw il-postijiet tax-xogħol battala tagħhom fil-EURAXESS.


¹⁸ COM(2012) 401 finali

¹⁹ L-azzjonijiet ikkunsidrati mhumie x ikkorrelati. L-azzjonijiet biss li jiddifferenzjaw l-implimentazzjoni taż-ŻER kienu inklużi fl-analiżi.

²⁰ jġigifieri inqas minn 300 riċerkatur għall-universitajiet u 100 riċerkatur għall-istituzzjonijiet li jagħmlu riċerka.

²¹ Rapport Fatti u Ċifri, Taqsima 'Why ERA?' (Għala ż-ŻER?)

Proporzjon ta' organizzazzjonijiet li jimplimentaw xi azzjonijiet taż-ŻER fiż-żewġ gruppi ta' organizzazzjonijiet l-aktar importanti



Sors Stħarriġ ŻER 2014

Fl-aħħar nett, ir-riċerkaturi f'organizzazzjonijiet konformi maż-ŻER għandhom tendenza li jipproduċu għadd ikbar ta' pubblikazzjonijiet u applikazzjonijiet ta' privattivi, li huma rikonoxxuti bħala fatturi li jikkontribwixxu għat-tkabbir u l-impjiegi.

2.8. It-tlestija taż-ŻER

Il-Komunikazzjoni dwar iż-ŻER identifikat erba' kundizzjonijiet għat-tlestija taż-ŻER: Ir-riformi tal-Istati Membri fil-prijoritajiet kollha taż-ŻER, implimentazzjoni rapida tal-prijoritajiet deskritti fil-Komunikazzjoni mill-partijiet ikkonċernati fir-riċerka, aktar appoġġ mill-Kummissjoni għall-politiki nazzjonali dwar iż-ŻER u monitoraġġ trasparenti.

L-Istati Membri huma l-atturi primarji għall-introduzzjoni tar-riformi taż-ŻER fil-livell nazzjonali u jappoġġjaw l-implimentazzjoni tagħhom permezz ta' organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw u jwettqu r-riċerka. Bil-mod il-mod qegħdin jintroduċu r-riformi taż-ŻER fil-Programmi Annwali Nazzjonali ta' Riforma tagħhom (PNR) u fl-2014 19-il PNR ppreżentaw azzjonijiet ŻER, meta fl-2013 kien hemm biss 11. Fi ħdan il-Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-Innovazzjoni (KŻER), l-Istati Membri impenjaw ruħhom biex jaħdmu fuq struttura ta' rappurtar komuni mill-2014 fil-kuntest tas-Semestru Ewropew għas-snin li ġejjin bil-għan li konsistentement jindirizzaw il-prijoritajiet taż-ŻER. Fil-Kunsill dwar il-Kompetittività ta' Frar 2014, l-Istati Membri ntrabtu li jiżviluppaw Pjan Direzzjonali ŻER fil-

livell Ewropew sa nofs l-2015 li jkun ta' gwida fl-implimentazzjoni nazzjonali tar-riformi taż-ŻER. Ċerti Stati Membri bdew jiżviluppaw pjanijiet direzzjonali taż-ŻER nazzjonali biex iħaffu l-implimentazzjoni taż-ŻER u jiżguraw Ewropa kompetittiva u attraenti fuq livell globali.²²

L-organizzazzjonijiet li huma partijiet ikkonċernati huma atturi ewlenin fit-twassil dwar il-prijoritajiet taż-ŻER abbażi tal-Memorandum ta' Ftehim u Dikjarazzjoni Konġunta kif ukoll permezz tal-Pjattaforma tal-Partijiet Ikkonċernati. Huma jippromwovu ż-ŻER fost il-membri tagħhom.²³ Eżempju ta' approvazzjoni tal-għanijiet taż-ŻER mill-partijiet ikkonċernati huwa l-inkoraġġiment mogħti mill-Pjattaforma tal-Partijiet Ikkonċernati lill-membri tagħha biex jipparteċipaw b'mod attiv fil-proċess tal-Istrateġija tar-Riżorsi Umani għar-Riċerkaturi (HRS4R).

Fil-livell Ewropew, il-Programmi Qafas ġew mobilizzati biex jimplimentaw il-politika taż-ŻER, kif ukoll biex jistabbilixxu l-elementi ta' bini taż-ŻER. Il-Kummissjoni tappoġġja l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati fir-riċerka f'dawn l-isforzi permezz ta' għadd ta' azzjonijiet bħall-iskema Cofund ERA-Net, l-inizjattivi tal-Artikolu 185, il-Programmazzjoni Konġunta, EURAXESS u kwistjonijiet trasversali. Pereżempju, il-Ftehim dwar l-Għotja Mudell Orizzont 2020 iqiegħed obbligu fuq il-benefiċjarju tal-għotja biex jagħmel sforz biex jimplimenta il-Karta Ewropea għar-Riċerkaturi u l-Kodiċi ta' Kondotta għar-Reklutaġġ tar-Riċerkaturi²⁴. Barra minn hekk, il-benefiċjarji tal-għotja għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jippromwovu opportunitajiet indaqs bejn l-irġiel u n-nisa u biex jiġi żgurat bilanċ bejn is-sessi fil-livelli kollha²⁵.

Il-Kummissjoni Ewropea, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u bil-kontribut tal-Pjattaforma tal-Partijiet Ikkonċernati żviluppat **il-Mekkaniżmu ta' Monitoraġġ taż-ŻER (EMM)**. Il-Mekkaniżmu ta' Monitoraġġ taż-ŻER qed issir komponent essenzjali tal-politika taż-ŻER. Dan jippermettilna nimmonitorjaw il-grad sa fejn l-Istati Membri, il-finanzjaturi tar-riċerka u l-istituzzjonijiet qed jappoġġaw u jimplimentaw iż-ŻER.

L-isforzi tal-atturi tas-Sħubija taż-ŻER s'issa wrew li kienu ta' suċċess u l-kundizzjonijiet għat-tlestija taż-ŻER issa huma fis-seħħ. Madankollu, it-tlestija taż-ŻER, simili ħafna tas-suq intern, hija proċess gradwali. L-impenn min-naħa tal-atturi kollha tas-Sħubija taż-ŻER se jkun fattur ewleni sabiex jitħaffef il-pass tal-implimentazzjoni taż-ŻER li bħalissa jvarja fil-livell tal-Istati Membri u fil-livell ta' dawk li jiffinanzjaw u jwettqu r-riċerka. Jiddependi ħafna fuq il-kwalità tal-azzjonijiet li jieħdu dawk l-atturi biex dak li ntrabtu li se jagħmlu jiksibuh b'mod effettiv għas-soċjetà b'benefiċċji reali u li jistgħu jitkejlu.

²² L-ewwel minn dawn il-pjanijiet direzzjonali ġie adottat mill-Gvern Federali tal-Ġermanja fis-6 ta' Lulju 2014.

²³ Ara pereżempju l-Istqarrija ta' Science Europe Dec 2013 dwar iż-ŻER: http://www.scienceeurope.org/uploads/PublicDocumentsAndSpeeches/120717_Science_Europe_ERA_Statement.pdf u d-dokument ta' informazzjoni LERU ta' Mejju 2014 dwar 'An ERA for a change': http://www.leru.org/files/publications/BP_ERAOFCHANGE_FINAL.pdf

²⁴ L-Artikolu 32 tal-Ftehim dwar l-Għotjiet Ġenerali. http://ec.europa.eu/research/participants/portal/desktop/en/funding/reference_docs.html#h2020-mga

²⁵ L-Artikolu 33 tal-Ftehim dwar l-Għotjiet Ġenerali.

3. L-ISFIDI TAL-FUTUR

L-implimentazzjoni taż-ŻER

Jeħtieġ aktar sforzi ta' implimentazzjoni. Il-Pjan Direzzjonali taż-ŻER fil-livell Ewropew se jiġi żviluppat sa nofs l-2015. Dan għandu jinkludi linji gwida u miżuri ewlenin sabiex jiġu indirizzati l-konġestjonijiet identifikati. Għalhekk se jkun strumentali biex jiġgwida l-implimentazzjoni taż-ŻER nazzjonalment filwaqt li jirrikonoxxi d-diversità tas-sistemi nazzjonali tar-riċerka. L-Istati Membri għandhom jagħtu aktar attenzjoni għaż-ŻER meta jippreparaw l-istrategġiji ta' riċerka u innovazzjoni nazzjonali, implimentati minn inizjattivi u pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali taż-ŻER imfassla apposta. Alternattivi differenti jistgħu jiġu kkunsidrati biex jitrawwem l-iżvilupp taż-ŻER, inklużi l-għażliet leġislattivi jekk ikun hemm bżonn, abbażi tad-dispożizzjonijiet ġodda marbuta maż-ŻER fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tniedi dibattitu mal-Istati Membri dwar l-aħjar livell ta' koordinazzjoni u allinjament ta' strategġiji nazzjonali ta' riċerka u għbir tal-fondi fl-oqsma tal-isfidi tas-soċjetà sabiex jiżdied l-impatt fil-livell tal-UE. Fost ir-riżultati possibbli jista' jkun hemm definizzjoni ta' livell ta' finanzjament nazzjonali biex jintefaq fi ħdan qafas Ewropew koordinat u miżuri biex jiżdied l-għadd ta' pajjiżi impenjati fil-Programmazzjoni Konġunta.

Sabiex jinħolqu Infrastrutturi ta' Riċerka Ewropej sostenibbli u essenzjali, hemm bżonn ta' aktar sinkronizzazzjoni ta' pjanijiet direzzjonali nazzjonali u Ewropej dwar infrastrutturi ta' riċerka u l-għbir ta' fondi relatati.

Fl-aħħar nett, il-kooperazzjoni internazzjonali għandha tissaħħaħ bħala prijorità trasversali tal-azzjonijiet taż-ŻER. Kif mistqarr fl-istrategġija ta' Kooperazzjoni Internazzjonali għar-riċerka u l-innovazzjoni fl-approċċ tagħha lejn il-pajjiżi tal-EFTA, il-pajjiżi tat-tkabbir tal-UE u l-pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat, l-attenzjoni se tkun fuq it-trawwim tal-integrazzjoni, jew l-allinjament maż-ŻER.

L-involviment tal-partijiet ikkonċernati

Il-partijiet ikkonċernati nazzjonali u Ewropej għandhom jiġu involuti b'mod xieraq fl-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali taż-ŻER, u għaldaqstant fl-implimentazzjoni taż-ŻER, sabiex jiġi żgurat l-impenn sħiħ tagħhom għall-valuri u l-benefiċċji taż-ŻER. Il-Pjattaforma tal-Partijiet Ikkonċernati huwa strument tajjeb li jikkontribwixxi għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki taż-ŻER. Tista' tiġi estiża biex tinkludi aktar atturi involuti fir-riċerka. Is-suċċess futur taż-ŻER se jiddependi fuq l-involviment u l-mobilizzazzjoni attiva tar-riċerkaturi u l-partijiet ikkonċernati sabiex ir-riċerka tirrifletti l-ħtiġijiet tas-soċjetà u l-isfidi.

Jiġu massimizzati l-benefiċċji għas-soċjetà tal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni

Hemm bżonn ta' aktar integrazzjoni ta' oġġettivi ta' riċerka u innovazzjoni f'ħafna politiki relatati fil-livelli Ewropej u nazzjonali. Iż-ŻER hija ffukata fuq li jiġi mmassimilizzat il-potenzjal ta' sistemi ta' riċerka miftuħa tal-Ewropa u tiġi mrawma l-innovazzjoni. L-Ewropa

tista' tipprovdi l-qafas biex ir-reġjuni jispeċjalizzaw fl-oqsma tagħhom ta' kompetenza billi tikkonċentra fuq is-setturi tar-riċerka. Dan l-approċċ pan-Ewropew għal speċjalizzazzjoni intelliġenti se jwassal għal strateġija ta' riċerka aktar ikkonsolidata fejn l-aqwa mhux jinġabru flimkien biex jipproduċu riċerka eċċellenti. Approċċi reġjonali transkonfinali jgħinu biex tinfirx l-eċċellenza fir-riċerka u tiżdied il-konformità taż-ŻER.

Il-kisba ta' ŻER li tiffunzjona b'mod sħiħ għandha tkun għan ewlieni tal-inizjattivi ta' politika fir-rigward tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-ġejjieni. Dan għandu jirrikonxxi l-ħtieġa li x-xjenza twassal soluzzjonijiet sostenibbli għall-isfidi tas-soċjetà, il-ħtieġa li dejjem tikber tal-integrità u t-trasparenza tar-riċerka, u l-ispinta lejn mod ġdid ta' twettiq u ta' skambju tar-riċerka, jiġifieri x-Xjenza 2.0.

Appoġġ kontinwu għaż-ŻER mill-Kummissjoni Ewropea

Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġja l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati fir-riċerka fl-isforzi tagħhom biex isaħħu ż-ŻER, billi tipprovdi informazzjoni dwar prassi tajba eżistenti. Se twaqqaf faċilità ta' appoġġ tal-politika skont Orizzont 2020 u torganizza seminars ta' taġlim reċiproku. Hija se tiżgura li Orizzont 2020 jappoġġja l-funzjonament taż-ŻER kemm permezz ta' miżuri mmirati kif ukoll trasversali. Eżempju ċar ta' appoġġ tal-UE għaż-ŻER huwa l-Mezz ta' Tfaddil għall-Irtirar għall-Istituzzjonijiet ta' Riċerka Ewropej li jmiss (RESAVER)²⁶, li, permezz tat-tneħħija tal-ostakli għall-mobbiltà tar-riċerkaturi u l-iżgurar ta' pensjonijiet sikuri u sostenibbli għal professjonisti tar-riċerka, se jikkontribwixxi għat-twaqqif ta' suq tax-xogħol Ewropew għar-riċerkaturi.

It-tisħiħ tal-monitoraġġ taż-ŻER

Il-Mekkaniżmu ta' Monitoraġġ taż-ŻER huwa msejjes fuq indikaturi u mekkaniżmi ta' ġbir ta' dejta, miftiehem mal-Istati Membri. Il-monitoraġġ taż-ŻER kien utli biex jitkejjel il-progress li sar dwar l-azzjonijiet ta' politika taż-ŻER. Madankollu, l-eżerċizzju għandu l-limiti tiegħu, minħabba n-natura volontarja tal-istħarriġ, li tillimita l-użu tar-riżultati għat-tfassil tal-politika. Hemm bżonn ta' aktar xogħol biex jiġu identifikati u rfinati l-indikaturi essenzjali tal-progress fiż-ŻER u potenzjalment jikber l-ambitu tal-Mekkaniżmu ta' Monitoraġġ.

4. KONKLUŻJONIJIET

Ir-rapport jikkonferma li s-sħubija taż-ŻER għamlet progress tajjeb fit-twassil taż-ŻER. Il-kundizzjonijiet għat-tlestija taż-ŻER identifikati fil-Komunikazzjoni taż-ŻER 2012 issa huma fis-seħħ:

- Għadd dejjem akbar ta' Stati Membri jadottaw miżuri b'appoġġ taż-ŻER u dawn jiġu riflessi fil-programmi nazzjonali ta' riforma tagħhom.
- L-Organizzazzjonijiet li huma Partijiet Ikkonċernati jagħtu appoġġ kontinwu lill-aġenda taż-ŻER.

²⁶ <http://ec.europa.eu/euraxess/index.cfm/rights/resaver>

- L-UE inkorporat iż-ŻER fis-Semestru Ewropew, tipprowdi finanzjament sostanzjali għall-miżuri taż-ŻER u tippromwovi r-reklutaġġ miftuħ, l-aċċess miftuħ għall-pubblikazzjonijiet u d-dejta kif ukoll l-ugwaljanza bejn is-sessi permezz ta' Orizzont 2020.
- Twaqqaf mekkaniżmu ta' monitoraġġ solidu u qed jagħti dejta dwar il-livelli ta' progress. Huwa komponent essenzjali fit-tfassil taż-ŻER.

It-tlestija taż-ŻER, bħas-suq intern, tibqa' proċess gradwali. Madankollu, jeħtieġ li jkun hemm iktar sforzi biex iż-ŻER tkun operattiva bis-sħiħ u, aktar minn qabel, issa huwa f'idejn l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati fir-riċerka biex jimplimentaw ir-riformi meħtieġa taż-ŻER biex iż-ŻER tiffunzjona.

Il-konformità maż-ŻER hija assoċjata ma' żieda fir-rendiment:

- Sistemi ta' riċerka miftuħa u attraenti huma iktar innovattivi
- L-istituzzjonijiet konformi maż-ŻER jipproduċu għad ikbar ta' publikazzjonijiet u applikazzjonijiet ta' privattivi għal kull riċerkatur.

M'hemmx triq waħda biex tinkiseb iż-ŻER. B'mod partikolari:

- Iż-ŻER għandha t-tendenza li tkun aktar effettiva meta l-miżuri nazzjonali huma fis-seħħ u appoġġati minn organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw u jwettqu r-riċerka.
- L-organizzazzjonijiet iż-żgħar tar-riċerka jidhru li huma inqas konformi maż-ŻER mill-organizzazzjonijiet il-kbar tar-riċerka.